



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 178/24

il-Lussemburgu, 8 ta' Ottubru 2024

Maciej Szpunar elett mill-ġdid Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Wara t-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Maciej Szpunar ġie elett mill-ġdid, mill-Avukati Ġenerali l-oħra, Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mit-8 ta' Ottubru 2024 sas-6 ta' Ottubru 2027

Curriculum vitae ta' Maciej Szpunar

Imwieled fl-1971 fi Krakow (il-Polonja), Maciej Szpunar kiseb lawrea fid-dritt fl-Uniwersytet Śląski (l-Università ta' Silesja, il-Polonja) fl-1995 u fil-Collège d'Europe de Bruges (il-Belġju) fl-1996. Huwa sostna t-teżi tad-dottorat tiegħu fid-dritt fl-2000, sar duttur fix-xjenzi ġuridiċi fl-2009, imbagħad professur tad-dritt fl-2013 fi ħdan l-Uniwersytet Śląski. Fl-1998, ix-xogħlijiet universitarji tiegħu wassluh fil-Jesus College ta' Cambridge (ir-Renju Unit) bħala "Visiting Scholar", wara fl-université de Liège (l-Università ta' Liège, il-Belġju) fl-1999 u fl-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze (l-Italja) fl-2003.

Fl-2001, huwa daħal fl-avukatura ta' Katowice biex jibda l-professjoni ta' avukat, li eżerċita sal-2008. Huwa f'dan iż-żmien li kien parti mill-Kumitat tad-Dritt Internazzjonali Privat tal-Kummissjoni ta' Kodifikazzjoni tad-Dritt Ċivili fil-Ministeru għall-Ġustizzja Pollakka.

Huwa assumma l-funzjonijiet ta' sottosegretarju tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Kumitat tal-Integrazzjoni Ewropea (il-Polonja) mill-2008 sal-2009, qabel ma ngħaqad mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Pollakk bejn l-2010 u l-2013. Matul dawn it-tliet snin, huwa rrappreżenta, bħala aġent, il-Gvern Pollakk f'numru kbir ta' kawżi li nstemgħu quddiem il-qorti tal-Unjoni Ewropea.

Huwa baqa' marbut mal-qasam tar-riċerka universitarja, u b'hekk kien parti mill-Kumitat Editorjali ta' diversi rivisti ġuridiċi, ħaġa li wasslitu fl-istess ħin jikteb diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt Ewropew u tad-dritt internazzjonali privat.

Maciej Szpunar ġie nnominat Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Ottubru 2013. Maħtur Avukat Ġenerali Ewlieni fl-11 ta' Ottubru 2018, huwa ġie elett għall-ewwel darba biex jaqdi dawn il-funzjonijiet fit-8 ta' Ottubru 2021.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ Ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 174/24](#) tas-7 ta' Ottubru 2024.